raġun... Imħallef wieħed, u tnejn, u tlieta xorta waħda... la l-liġi hija waħda, kif irbaħtha l-lum nirbaħha dejjem... ara, kemm jien ħmar... insejt nistaqsi fejn joqgħod is-sur Imħallef biex fi żmien il-ħawħ nibgħatlu bixkilla kif naf jiena...

—U, ngħid jiena... — issoktat Marì — Dan tal-lum mhux Imħallef daqs it-tlieta l-oħra? X'irid jippilla?

—Isma' x'qaltlek! Dak kull ma qiegħed jagħmel biex itawwal iż-żmien. Marì, taħsebx li s-sur Imħallef qagħad fuq li qal l-avukat tiegħi hux? Mela ħej... Ha l-Liġi f'idejh, qraha, raġa' qraha mbagħad qata' l-kistjoni.

—U t-tlieta l-oħra mhux fuq l-istess ktieb iridu jaqtgħuha?

—Dan żgur! Hawn Malta liġi waħda hawn... u la skond il-liġi rbaħtha bl-ispejjeż, nerġa' nirbaħha bl-ispejjeż... mhux hekk Marì?

Iżda ma kienx hekk: iż-żmien wera li tliet Imħallfin jistgħu ma jkunux jaqblu ma' Imħallef ieħor. Pawlu, fl-appell, tilef il-kawża bl-ispejjeż.

—Iżda, kif? Kif? Kif jista' jkun? Ta' bilfors qabdu xi ktieb b'ieħor — kien qiegħed igħid Pawlu lis-Surġent tar-raħal.

—Le, ruħi, Pawl — qallu s-Surġent. — Dak ma għandux x'jaqsam; wieħed ikun jifhemha mod u l-ieħor ikun jifhemha xort'oħra. Mitt bniedem mitt fehma...

—U x'inti tgħid u tgeżwer? Mela mal-Liġi tista' toqgħod tilgħab hekk? Mela kulħadd kif jifhem huwa? Imħallef rebbaħhieli, ieħor itellifhieli, wieħed minnhom bilfors li żbalja...

—Iżda dak li jgħidu t-tlieta ta' l-appell huwa li jiswa... dak il-ħaqq.

—Allura lill-ieħor la ma jafx jagħmel il-ħaqq għax ma jagħtuhx il-pjazza?

—Le, Pawl, huwa l-ieħor għamel il-ħaqq ukoll...

—Jiena din ma nistax nifhimha... Kif tgħidli li għamlu l-ħaqq it-tnejn? Allura jiena ma nistax nerġa' nippilla quddiem ħames Imħallfin? Forsi dawn jerġgħu jifhmuha xort'oħra u jrebbħuhieli?...

—Imbagħad ma nispiċċaw qatt. Int lill-Avukat tiegħek arġajt rajtu?

—Għandi narah għada...

U l-għada Pawlu reġa' mar għand l-Akuvat Barbara u reġa' beda jrid ifiehmu li ma jistax ikun li Mħallef fuq liġi jgħid mod u Mħallef ieħor fuq l-istess liġi jgħid xort'oħra.



—Iva, agħmilli pjaċir, arġa' sib fil-ktieb fejn sibt dak in-nhar u fissirli sewwa x'hemm miktub fuq il-pastard u l-kaboċċi...

—Pawl, jaħasra, dak ma għandu x'jaqsam xejn, inti ma tifhemx... — qallu l-Avukat huwa u jneħħi n-nuċċali sabiex iserraħ ftit għajnejh — ...ara jekk tmur il-"Privy Council", jiena ngħid li terġa' tirbaħha bl-ispejjeż...

—Immur imqar fl-aħħar tad-dinja... dan fejn jaħbat? Il-Qorti l-imġarrfa jew dik ta' quddiem il-Posta ta' l-ittri?

—Il-"Privy Council" jiġifieri l-Ingilterra...

—L-Ingilterra?... U ħallina sur Avukat... aħna tkellimna bil-Malti u ma qbilniex aħseb u ara kemm sejrin niftiehmu bl-Ingliż...

Insejna ngħidu fil-bidu li dan Pawlu Xuereb kien minn l-Imtaħleb u kienu jgħidulu "Ta' Rasqara".

---

## LILL-MUSA

*Ta'* TONI CASSAR

La taħrabnix, tibżax titkellem miegħi,
Ftakar, ja Musa, li int għad trid tnebbaħ
Poeta ġdid u meta fil-ħsieb tiegħi
Tiġi Sultana sbejħa biex issebbaħ

B'nifsek leħiem li jfuħ b'balzmu tal-ġenna,
Sabiex bil-qawwa tal-poeti tagħra
Int għad tlibbisni, tħallinix nistenna
Nisma' bil-ħlewwa jdoqqu l-vrus tal-għana

Li int nebbaħt b'xofftejk lil bosta għannejja
Li dejjem kienu s-sejħa tal-ġnus tagħhom.
Inżel nitolbok ta' sikwit hawn ħdejja
Biex jiena b'riħtek għad xi darba magħhom

Inkun ta' ġid lil Arti, u l-għanja sbejħa
Jien nibqa' ngħanni u qatt ma tmut dis-sejħa.